MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 802/2004

**Andre` Scerri**

**vs**

**Roberta Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm250.38) risarciment ta' danni minnha kkagunati u subiti mill-attur bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara l-Gzira fl-14 ta' Novembru, 2002, meta waqt li l-konvenuta kienet qed issuq vettura numru ROB-501 hija habtet mal-vettura numru ASE-001 propjeta` tal-attur u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba**

**imprudenza, imperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti;**
**Oltre s-sorte, il-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' April, 2003, dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-12 ta' Dicembru, 2003 u dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali b'effett mit-12 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-6 ta' Mejju, 2004, fejn intqal illi dak li talab l-attur ghandu jigi michud bl-ispejjez u dana ghax il-kawza prossima tal-kollizzjoni hi attribwita lilu kif imfisser fl-ittra tal-avikat tal-eccipjenti lill-avukat tal-attur datata 7 ta' April, 2004 li kopja taghha hi esebita bhala Dok.A.**

**Semgha x-xhieda ta' Andre` Scerri, Roberta Callus u PS 245 Keith Arnaud. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-14 ta' Novembru, 2002, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ASE-001 misjuqa mill-attur, u l-vettura ROB-501 misjuqa mill-konvenuta. L-incident gara fi Triq Nazju Ellul kantuniera ma' Triq Giacinto Tua, il-Gzira.**
**2. L-attur kien hiereg minn Triq Giacinto Tua ghal go triq Nazju Ellul, minn fejn kienet ghaddejja il-konvenuta kontra l-"one way".**
**3. Jirrizulta li l-attur kien waqaf fuq l-istop sign u kif ma ra lil hadd gej, hareg bil-mod u sab il-vettura tal-konvenuta fuqu. Il-konvenuta tammetti li kienet ghaddejja kontra l-"one way", pero` hi tghid li thawdet, ippanikjat, u rat lill-attur gej fuqha waqt li hi kienet wieqfa.**
**4. Jigi rrilevat illi: "riflessjonijiet kontravenzjonali li bl-ebda mod ma jincidu fuq ir-regolamenti li s-sewwieq kien obbligat josserva ghal sewqan prudenti**

**u li ma jkunux rilevanti ghall-elementi ta' fatt li jikkostitwixxu l-eventi li taw lok ghas-sinistru huma naturalment passibbli u punibbi f'sede ohra, imma m'ghandhomx u m'ghandux ikollhom rilevanza biex jigi stabbilit min kellu htija ghall-incident" (Qorti ta' l-Appell <u>Vella Galea vs Sammut</u> deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998). Hekk ukoll "utenti tat-triq kellhom kull dritt jesigu illi l-ebda vettura hierga minn go garage ma t'ostakolahomx fi triqthom. Hi ghal kollox zbaljata s-sottomissjoni illi l-fatt li utent tat-triq kien fuq in-naha l-hazina tat-triq, jew anqas u anqas on the crown of the road, kienet necessarjament tfisser li dan kellu xi htija ghall-incident. Multo magis meta s-sinistru jsehh ma' vettura hierga minn go triq laterali minuri u anqas u anqas minn go garage kellu juza' l-massima prudenza, specjalment jekk il-vizwali tieghu ghal gol-main road fiz-zewg direzzjonijiet tkun b'xi mod ostakolata, kif kienet f'dan il-kaz, b'vetturi parkeggjati. Kien jinkombi fuq il-konvenut, allura, l-obbligu ta' edging out biex jesplora sewwa t-triq u kien assolutament zbaljat li jissottometti li hu kellu d-dritt jistenna li l-ebda traffiku ma jitla' minn Amery Street fuq in-naha hazin tat-triq" (<u>GasanMamo Insurance Agency Limited vs Bartolo</u> Appell Inferjuri deciza fit-2 ta' Novembru, 2001).**

**5. Dana kollu kif riportat fis-sentenza Borg vs Mallia et Prim Awla deciza fit-3 ta' Lulju, 2003.**

**6. Ghalhekk tenut kont tal-fatti jirrizulta illi l-attur hareg fuq il-lemin estrem ta' Triq Giacinto Tua, u li kieku ma kienx qed iross daqshekk ma' dik in-naha kien jara lill-konvenuta wieqfa fit-Triq Nazju Ellul ghalkemm gejja kontra l-one way. Ghalhekk filwaqt illi l-konvenuta ghandha tigi ritenuta principalment responsabbli ghall-incident li sehh minhabba illi kienet ghadha kemm waqfet f'post gejja minn direzzjoni li mhux suppost, da parti tieghu l-attur ma kienx qieghed attent bizzejjed hu u hiereg minn fuq stop sign u konsegwentement ikkontribwixxa ghall-incident, pero' t-Tribunal iqis in-negligenza tal-konvenuta ta' livell ferm aktar gravi minn dak ta' l-attur u ghalhekk qed jalloka tlett kwarti tar-**

**responsabbilta' tas-sinistru lill-konvenuta u kwart lill-attur.**

**7. Id-danni huma dawk indikati fit-talba, u in kwantu l-konvenuta hija responsabbli biss fi grad ta' tlett kwarti, din tigi li ghandha thallas lill-attur in linea ta' danni s-somma ta' mija seba' u tmenin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm187.78).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident fi grad ta' tlett kwarti, jikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' mija seba' u tmenin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm187.78).**

**Bl-imghax legali dekorribli millum sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-28 ta' April, 2003, dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-12 ta' Dicembru, 2003 u dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment ma' dan l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenuta u kwart mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------